Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 28/2015/1

**Nathalie Chetcuti (appellanta)**

**Vs**

**Direttur Generali (Planning and Priorities Co-ordination Division) fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta; Direttur Generali (Funds and Programmes Division) fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali tal-Gvern ta' Malta; Is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta; 4. Direttur Corporate Services fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta; L-Avukat Generali u l-Gvern ta' Malta (appellati)**

19 ta' Mejju, 2017.

1. Fl-10 ta' Dicembru, 2014 ir-rikorrenti pproponiet proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn ilmentat mill-fatt li fit-30 ta' Awissu 2014 il-Gvern ma kienx estendilha l-kuntratt ta' impieg u dan wassal sabiex gew lezi d-drittijiet li ghandha skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss (Legislazzjoni Sussidjarja 452.81). Ghalhekk talbet lit-Tribunal sabiex:

*"(a) jiddikjara li n-nuqqas ta' tigdid tal-kuntratt tal-impieg tar-rikorrenti qed jikser id-drittijiet taghha skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss (b) jordna li r-rikorrent terga' titpogga fl-impieg mal-intimati fuq kuntratt ghal zmien indefinit mar-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropea gewwa Brussel bl-istess kondizzjonijiet ta' xoghol li kellha fl-ahhar kuntratt ta' impieg taghha mal-intimati (c) jiddikjara li ghandhom ihallsu l-paga lir-rikorrenti minn Awissu 2014 sa meta titpogga lura fl-impieg taghha (d) jiffissa kumpens adegwat ghall-ksura ta' din il-ligi da parti tal-intimati".*

2. Waqt is-smiegh tal-kaz, l-intimati taw eccezzjoni ulterjuri li l-azzjoni hi perenta ghaliex kienet prezentata wara l-erba' xhur kontemplati f'regolament 8(2) tal-L.S. 452.81.

3. B'decizjoni tat-12 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal laqa' l-eccezzjoni.

4. Ir-rikorrenti appellat mid-decizjoni fejn ilmenta mill-interpretazzjoni li t-Tribunal ta lir-regolament. Fost'affarijiet ohra argumentat li filwaqt li t-Tribunal qal li kellha tara xi dawl ahmar, il-ligi titkellem dwar trattament anqas

favorevoli, u cioe' azzjoni konkreta fil-konfront tal-impjegati. Il-ligi ma tikkontemplax meta l-impjegata jmissha kienet taf jew setghet kienet taf. L-erba' xhur ghandhom jiddekorru minn meta l-impieg gie tterminat u ghalhekk l-azzjoni m'hijiex perenta.

5. L-intimati wiegbu li:

   i. L-appell hu null ghaliex sar fuq punt ta' fatt meta l-ligi ma tippermettix appell simili (artikolu 82(3) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452).
   ii. L-appell hu biss censura tal-apprezzament fattwali li ghamel it-Tribunal.

6. **Fatti.**

i. B'kuntratt tas-17 ta' Settembru, 2004 l-attrici nghatat impieg bhala *Technical Attache* mal-Gvern ta' Malta ghall-perjodu ta' tliet snin mill-24 ta' Settembru, 2004.
ii. B'kuntratt tal-24 ta' Settembru, 2007 l-impieg gie mgedded ghal tliet snin ohra u fih jinghad, ***"(....) and cannot be extended beyond the period of this agreement"***.
iii. Kien fil-15 ta' Gunju, 2007 li r-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss (Legislazzjoni Sussidjarja 452.81), saru japplikaw ukoll ghas-servizz mal-Gvern. Pero dan jeskludi regolament 7(3) tal-istess regolamenti.
iv. B'email datata l-1 ta' Dicembru, 2009 intbaghtet lill-attrici ittra ta' Dr Christopher Ciantar, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, fejn fost'affarijiet intqal: *"The first of these decisions is that the overall period of service that may be served by any officer in a technical attaché/research officer position/s cannot exceed a total of five years nine months.* ***This means, therefore, that if warranted by an officer's performance, an original three-year Agreement may be extended for a further period up to a maximum of thirty-three months***".
v. B'kuntratt tad-29 ta' Novembru, 2011 l-attrici giet ingaggata fil-kariga ta' Technical Attache (*Enviromental Horizontal*). Fil-kuntratt jinghad li l-kariga kienet wahda *'of trust'* u ghalhekk *"this Agreement falls under Regulation 3(b)(4)(b)(ii) of LN 239/2008 amending LN 51/2007 entitled Contracts of Service for a Fixed Term Regulations 2007"*. Jinghad ukoll li l-ingagg kien ghall-perjodu ta' 3 snin li bdew mill-25 ta' Settembru, 2010, u ghalhekk hu evidenti li meta skada l-kuntratt tal-24 ta' Settembru 2007 il-konvenuta nzammet fl-impieg.
vi. Sussegwentement il-kuntratt tad-29 ta' Novembru 2011 gie mgedded:
   (a) Sal-31 ta' Jannar, 2014; wara
   (b) Sat-30 ta' April, 2014; u wara

(c) Sat-30 ta' Awissu, 2014;

vii. Wara t-30 ta' Awissu, 2014 il-kuntratt ma regax gie mgedded.

viii. Jirrizulta li b'avviz pubblikat fit-18 ta' Ottubru, 2013 fil-gazzetta tal-gvern saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga ta' Techncial Attache' fil-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali. L-attrici applikat[1] izda ma ntghazlitx.

ix. Jirrizulta li b'avviz pubblikat fit-28 ta' Jannar, 2014 fil-gazzetta tal-gvern, saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga ta' Technical Attache' fl-istess Ministeru. L-attrici applikat izda ma ntghazlitx.

x. Fil-11 ta' Dicembru, 2014 l-attrici pprezentat kawza fit-Tribunal Industrijali.

xi. L-ilment tal-attrici hu li sehh ksur tar-Regolament dwar il-Kuntratti ta' servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss (L.S. 452.81).

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, il-qorti ma taqbilx li l-appell hu null. It-Tribunal laqa' l-eccezzjoni ghar-raguni li dakinhar li ffirmat l-ahhar estensjoni tal-kuntratt (17 ta' Gunju, 2014):

> *"(….) kienet taf ghal x'hiex qed tiffirma u jekk f'dan kien hemm* ***xi 'dawl ahmar' setghet u messha ratu qabel.*** *Din l-estensjoni kienet preceduta minn zewg estensjonijiet qosra ohra – fermati 3 ta' Frar, 2014 u 11 ta' Novembru, 2013…"*

L-ilment principali tal-attrici hu dwar il-mod kif it-Tribunal applika r-regolament 8(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81, fis-sens li:

> *"16. Illi, filwaqt li t-Tribunal jargumenta li l-appellanta jmissha rat xi dawl ahmar, il-ligi taghna titkellem dwar trattament anqas favorevoli, u cioe' azzjoni konkreta fil-konfront tal-impjegati; l-ligi taghna ma titkellimx fuq cirkostanzi meta l-impjegata jmissha kienet taf jew setghet kienet taf, jew meta jmissha rat xi dawl ahmar. Kien propju dan ir-ragunament li wassal li t-Tribunal sabiex jiddeciedi li tali azzjoni hija preskritta".*

Il-qorti m'ghandix dubju li dan hu punt ta' ligi u ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni.

8. Permezz ta' eccezzjoni ulterjuri, l-intimati jsostnu li l-azzjoni saret tardivament ghaliex il-proceduri kienu pprezentati wara z-zmien stipulat f'regolament 8(2) tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja. Id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-12 ta' Ottubru, 2015 titratta proprju dik l-eccezzjoni. It-Tribunal laqa' l-eccezzjoni wara li qal:

> *"13. Ta' min iqis li dawn it-termini m'humiex hemm b'kapricc imma huma mahsuba biex jaghmlu gustizzja bejn iz-zewg nahat: il-haddiem u min ihaddem.*
>
> *14. Il-haddiem irid ikun jaf fejn hu fl-impieg tieghu. Ma jkunx jiddependi mill-burdati ta' min ihaddmu jew mill-interessi ta' min ihaddmu biss. Min ihaddem irid ikun jaf fejn*

[1] F'ittra datata 31 ta' Ottubru, 2013 l-Ufficcju tas-Segretarju Permanenti f'dak il-Ministeru gharraf lill-attrici li kien ircieva l-applikazzjoni taghha.

*hu wkol. Dana sabiex ma jigix imfixkel b'xi mannara dejjem fuq rasu bhal meta ma jkunx jaf x'inhi l-posizzjoni definittiva vis-à-vis l-impjegat tieghu. Ma jistax min ihaddem ikun suggett ghar-rieda tal-haddiem li jiehu passi meta jidhirlu hu u dana f'terminu definit.*

*15. Fil-kaz prezenti t-Tribunal ihoss illi kieku riedet tara xi dawl ahmar ir-rikorrenti messha u setghet – kif ga ntqal, tarah qabel u tiehu passi qabel u tressaq l-ilment prezenti u mhux thalli z-zmien ghaddej".*

9. Regolament 8(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 (Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss) jipprovdi:

> *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subregolament (3), it-Tribunal Industrijali m'ghandux jikkunsidra ilment taht dan ir-regolament kemm-il darba dan ma jigixipprezentat fi zmien erba' xhur li **jibdew ghaddejjin mid-data tat-trattament l-anqas favorevoli**".*

Perjodu li hu ta' dekadenza.

10. Regolament 7(1) tal-istess Legislazzjoni Sussidjara jipprovdi li kuntratt ta' servizz ghall-perjodu fiss ghandu jinbidel f'wiehed ghal zmien indefinit jekk:

> *"l-impjegat kien impjegat kontinwament b'kuntratt bhal dak ghal zmien fiss kif imsemmi, jew taht dak il-kuntratt mehud flimkien ma' kuntratt jew kuntratti ta' servizz precedenti ghal zmien fiss li jeccedi perjodu ta' impjieg kontinwu ghal aktar minn erba' snin".*

L-appellanti tilmenta dwar it-terminazzjoni tal-impieg taghha ghaliex issostni li b'applikazzjoni ta' dak ir-regolament, il-kuntratt ta' impieg fiss li kellha nbidel ghal wiehed ta' zmien indefinit. Ghalhekk issostni li kellha tinzamm fl-impieg mal-Gvern u mhux titwaqqaf.

11. Jekk wiehed kellu jibbaza d-decizjoni <u>**biss**</u> fuq il-kuntratt tas-17 ta' Settembru, 2011, l-erba' snin zgur li m'ghaddewx ghaliex l-impieg taht dak il-kuntratt beda **fil-25 ta' Settembru, 2010 u spicca fl-ahhar ta' Awissu 2014**.

12. Pero hu evidenti li r-rikorrenti tippretendi li l-kuntratti ta' qabel ighoddu wkoll. Jekk **ghall-grazzja tal-argument biss gialadarba qeghda tigi trattata l-eccezzjoni li l-azzjoni hi perenta,** wiehed jaccetta li r-regolament 7(1) japplika ghall-kaz tar-rikorrenti[2], ikun ifisser li l-erba' snin ghalqu fil-kors tat-

---

[2] Materja li m'hemmx htiega li tigi determinata ghal finijiet ta' dan l-appell. Fit-twegiba li l-intimati pprezentaw fit-Tribunal Industrijali, iddikjaraw: *"7…… kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-kuntratt ta' impieg taghha gie mibdul f'wiehed ghal terminu indefinit tikkozza mal-fatt li fid-29 ta' Novembru 2011 anness mad-dikjarazzjoni tal-kaz taghha bhala Dok. NC3 ghazlet li tidhol f'kuntratt ta' impieg ghal terminu ta' zmien definit fejn gie espressament rikonoxxut li minhabba n-natura tax-xoghol ta' Technical Attache jissussistu ragunijiet oggettivi a ternur tar-Regolament dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss sabiex tinzamm fuq kuntratt ta' terminu ta' zmien fiss ghal aktar minn erba' snin. 8…… hija applikat ghall-posizzjoni ta' Technical Attache Environmental Horizontal Issues ghal terminu ta' zmien fiss mahruga permezz ta' sejha ppubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tat-18*

tieni kuntratt[3] cjoe' fl-24 ta' Settembru, 2008. Dik hi d-data effettiva li fiha kellha titqies impjegata fuq bazi indefinit (reg. 8(2)). Wiehed jista' jargumenta li fl-24 ta' Settembru 2008[4] ir-rikorrenti kellha skop li tilmenta ghaliex l-impieg taghha ma nqalibx ghal wiehed ta' zmien indefinit. Pero' ma jidhirx li hemm xi procedura li trid tigi segwita biex l-impieg jinqaleb f'wiehed ta' zmien indefinit, u anzi jidher li jsir hekk *ex lege*.

13. Mill-provi rrizulta li permezz ta' email datata l-1 ta' Dicembru 2009, intbaghtet lir-rikorrenti ittra tas-Segretarju Permanenti Dr Christopher Ciantar[5] fejn nfurmaha li fil-kariga ta' Technical Attache wiehed ma jistax iservi ghal iktar minn hames snin u disa' xhur, u li ghalhekk, *"(….) if warranted by an officer's performance, an original three-year Agreement may be extended for a further period up to a maximum of thirty-three months"* (Dok. PZ2)[6]. Mela minn dak iz-zmien kienet infurmata li l-impjieg taghha ma kienx qieghed jigi kkunsidrat bhala wiehed ta' zmien indefinit. Madankollu sa dak iz-zmien ma jirrizultax li r-rikorrenti sofriet xi pregudizzju ghaliex baqghet ghaddejja kif kienet. Anzi hu evidenti li meta skada t-tieni kuntratt, dak tal-24 ta' Settembru 2007, inzammet fl-impieg **minghajr ma ntalbet tiffirma kuntratt**. Din baqghet is-sitwazzjoni sakemm ipprezentawlha kuntratt iehor datat 29 ta' Novembru, 2011 ghal zmien definit ta' tlett snin mill-25 ta' Settembru 2007. Mela jidher li dak li nghad fl-ittra tal-1 ta' Dicembru, 2009 ma kienx ser jigi implimentat. Pero' f'dak l-istadju r-rikorrenti kellha l-opportunita li tilmenta ghal fatt li l-kuntratt li nghatat biex tiffirma ma kienx qieghed jikkontempla ghall-kuntratt ta' servizz ghal zmien indefinit u anzi jinghad ukoll li l-kariga taghha kienet *'position of trust'*. Pero' f'dan ir-rigward wiehed irid jiftakar li skont l-artikolu 42 tal-Att dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452):

> *"Jekk mhux f'kaz kif provdut xort'ohra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-principal tieghu jew ftehim kollettiv bejn il-principal u r-rapprezentanti maghrufin tal-union jipprovdi ghal xi kondizzjoni ta' impieg, inkluzi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att,* ***dawn ghandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli ghall-impjegat kien hemm imdahhla l-kondizzjonijiet spefikati fi jew taht dan l-Att****".*

Disposizzjoni li hi ta' ordni pubbliku. Fil-fehma tal-qorti l-istess ghandu japplika fir-rigward ta' dawk il-kondizzjonijiet ta' impieg li jirrizultaw mir-regolamenti li jsiru b'setgha moghtija taht il-Kap. 452, kif inhu l-kaz tal-bdil ta' kuntratt ta' servizz minn zmien fiss ghal wiehed f'kuntratt ta' servizz ghal zmien indefinit. Regolament li wkoll hu ta' ordni pubbliku. Il-perjodu ta' erba'

---

*ta' Ottubru 2013 kif ukoll ghall-posizzjoni ta' Technical Attache' Document Management ghal terminu ta' zmien fiss mahruga permezz ta' sejha ppubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Jannar 2014".*

[3] F'dan ir-rigward hu rilevanti wkoll il-proviso tar-regolament 7(1) tal-L.S. 452.81.

[4] Dak iz-zmien il-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 kienet diga' dahlet fis-sehh.

[5] Fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali.

[6] Ittra li ntbaghtet lir-rikorrenti permezz ta' email datata l-1 ta' Dicembru, 2009.

xhur li jissemmew f'regolament 8(2) tal-L.S. 452.81, "...... ***jibdew ghaddejjin mid-data tat-trattament l-anqas favorevoli***". Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-gurnata li r-rikorrenti twaqqfet mix-xoghol kien ukoll jikkwalifika bhala tali ghaliex dakinhar twaqqfet mix-xoghol peress li kienet meqjusa li ma kellhiex impieg ta' servizz ghal zmien indefinit filwaqt li r-rikorrenti qeghda ssostni li sa dak iz-zmien l-impjieg taghha kien b'applikazzjoni tar-regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 sar impjieg bi zmien indefinit.

14. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti taqbel ma' dak li r-rikorrenti qalet f'paragrafu 16 tar-rikors tal-appell. Il-ligi tghid car u tond minn meta ghandhom jiddekorru l-erba' xhur. Meta t-Tribunal laqa' l-eccezzjoni ulterjuri ghar-raguni li, *"ihoss illi kieku riedet tara xi 'dawl ahmar' ir-rikorrenti messha u setghet – kif ga ntqal, tarah qabel u tiehu passi qabel u tressaq l-ilment prezenti u mhux thalli z-zmien ghaddej"*, iddecieda b'mod li ma jirriflettix dak li trid il-ligi.

15. Fl-ahharnett il-qorti terga' taghmilha cara li dak li nghad fis-sentenza m'ghandux jinftiehem li din il-qorti ddecidiet xi aspett mill-mertu tal-kaz bhal li r-rikorrenti ghandha d-dritt li qeghda tinvoka. Dan ovvjament jibqa' mpregudikat. L-eccezzjoni ulterjuri kellha tigi deciza a bazi tal-mod kif ir-rikorrenti mpostat il-kawza u xejn iktar. Ghalhekk jibqghu mpregudikati kwistjonijiet bhal per ezempju jekk ir-rikorrenti kinitx impjegata bhala *person of trust*, japplikawx l-eccezzjonijiet kontemplati fl-istess ligi sussidjarja u materji ohra.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u:**

i. **Thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-12 ta' Ottubru, 2015.**
ii. **Tichad l-eccezzjoni ulterjuri li l-azzjoni hi perenta.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellati.**

**Tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jissokta bis-smiegh tal-kaz.**

Anthony Ellul.